# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 769/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**MEL SPITERI**
**(ID: 559892M)**

**Illum, 10 ta' Settembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **MEL SPITERI** detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 559892M tressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, fis-26 ta' Gunju 2011 f'xi hin bejn l-ghaxra ta' filghaxija u nofs il-lejl waqt li kien gewwa Bugibba San Pawl il-Bahar b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Elizabeth Tucknutt Whilems

Kif ukoll talli, fil-perjodu ta' bejn is-26 u s-27 ta' Gunju 2011, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat kien sar

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi saq motor-car jew vettura ohra u cioe` vettura bin-numru tar-registrazzjoni FTO 050 minghajr licenzja tas-sewqan

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi saq motor-car jew vettura ohra b'nuqqas ta' kont, bla hsieb, bi traskuragni jew b'mod perikoluz

U aktar talli fl-istess jum, hin u lok u cirkostanzi meta t-triq kienet immarkata b'linji bojod paralleli jew bi 'studs' matul il-wisa' taghha jew b'sinjali ohra biex juru spazju ghall-passagg ghal-uzu ta' nies bil-pass, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FTO 050 waqt li kien riesaq lejn passag naqa li jimxi bil-mod u jekk kien hemm bzonn jieqaf

U aktar talli fl-istess jum, hin u lok u cirkostanzi waqt li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FTO 050 saq b'velocita` li eccediet il-limiti tal-velocita` fl-ibliet u l-irhula

U aktar talli fl-istess jum, hin u lok u cirkostanzi waqt li kien qieghed isuq vettura bil-mutur fit-toroq u cioe' il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FTO 050 ma kienx kopert b' polza tal-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jieqaf wara li kien involut f'incident li kien jinvolvi offiza fuq persuna ohra

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tiskwalifika lil Mel Spiteri milli jkollu jew jottjeni xi licenzja/i tas-sewqan ghal perjodu li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Rat illi waqt l-ezami taht l-Artikolu 392 tal-Kodici Kriminali, l-imputat wiegeb illi mhux hati.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-25 ta' Jannar 2013 fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom, hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe`:

a. Fl-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikolu 67(1)(5), 89(1) u 127 tal-Avviz Legali 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikolu 3(1)(1A)(1B)(2)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi fis-seduta tal-24 ta' April 2013, l-imputat, wara li nqraw lilu l-Artikoli tal-ligi indikati fin-nota tal-Avukat Generali tal-25 ta' Jannar 2013, ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja u tigi deciza minn din il-Qorti;

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-5 ta' Gunju 2014;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 2019 fuq appell ta' Mel Spiteri, li annullat is-sentenza moghtija fil-5 ta' Gunju 2014 u rrinvijat l-atti lil din il-Qorti sabiex il-kawza tigi trattata u deciza mill-gdid skont il-ligi;

Rat it-talba tad-difiza maghmula fl-udjenza tat-8 ta' Jannar 2020 biex il-Qorti kif ippreseduta tisma' hija stess ix-xhieda kollha li tressqu sabiex jixhdu u li

nstemghu quddiem il-Qorti meta kienet diversament preseduta, u rat ukoll l-oggezjoni tal-Prosekuzzjoni ghal din it-talba;

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2020, il-Prosekuzzjoni, il-parte civile, kif ukoll id-difiza fil-presenza ta' u wara konsultazzjoni mal-imputat, jiddikjaraw espressament illi qed jaghtu l-kunsens taghhom sabiex din il-Qorti kif preseduta tisma' u tiddeciedi din il-kawza minkejja l-ezistenza ta' fatti li jaghtu lok ghar-rikuza tal-Magistrat sedenti ai termini tal-Artikolu 734(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-provvediment moghti fl-4 ta' Frar 2020 li permezz tieghu pprovdiet dwar it-talba tad-difiza maghmula fl-udjenza tat-8 ta' Jannar 2020 ghas-smigh *viva voce* tax-xhieda li kienu xehdu quddiem din il-Qorti meta kienet diversament preseduta, billi cahdet it-talba *in toto* u ordnat illi l-kawza tigi trattata u deciza mill-gdid abbazi tad-depozizzjonijiet tax-xhieda li diga` jinsabu traskritti u esebiti in atti;

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Frar 2020 ordnat lill-Ufficjal tal-Probation Sherise Boffa li kienet diga` giet inkarigata thejji *social inquiry report* fil-konfront tal-imputat, sabiex terga' taghmel kuntatt mal-imputat bil-ghan li jerga' jigi aggornat ir-rapport u t-taghrif gia` minnha mghoddi lill-Qorti dwar l-istess imputat;

Rat illi fl-istess udjenza tal-4 ta' Frar 2020, il-Prosekuzzjoni, id-difiza u l-parte civile qablu illi l-kawza tista' tithalla ghat-trattazzjoni finali;

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Sherise Boffa fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2020 u rat ir-rapport minnha esebit (Dok. CB1);

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni, tal-parte civile u tad-difiza waqt l-udjenza tad-9 ta' Lulju 2020;

Rat illi l-partijiet kollha qablu waqt l-istess udjenza tad-9 ta' Lulju 2020 illi l-kawza tibqa' differita ghas-sentenza;

Rat il-fedina penali aggornata tal-imputat;

Rat il-provi kollha akkwiziti fl-atti ta' dawn il-procedura, inkluz dawk migjuba fil-proces-verbal esebit a folio 89 tal-atti, u r-relazzjonijiet tal-esperti hemm mahtura;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza kienet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi jirrizulta illi fis-26 ta' Gunju, 2011 ghall-habta ta' bejn l-10.30 p.m. u l-11.00 p.m., Elizabeth Tucknutt Whilems li kienet Malta fuq btala flimkien ma' zewgha, mietet meta giet imtajra minn vettura li kienet baqghet sejra, u dan gewwa Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar.

Mill-provi jirrizulta illi l-vettura li tajret lill-vittma kienet vettura tal-ghamla Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni FTO-050 li, fil-hin tal-incident, kienet misjuqa mill-imputat Mel Spiteri. Gie stabbilit ukoll li din il-vettura, li kienet licenzjata f'isem Victor Spiteri missier l-imputat, instabet ipparkjata mitluqa gewwa Triq Erin Serracino Inglott, Iklin kmieni fil-ghodu l-ghada 27 ta' Gunju 2011, fejn gie kostatat li kellha entita` konsiderevoli ta' hsarat u li din il-vettura kienet tikkorrispondi wkoll mal-vettura li kienet tajret lill-vittma.

Fir-rigward, Elisa Panzavecchia, li kienet passiggiera mal-imputat fil-vettura FTO-050 fid-data u l-hin indikati fic-citazzjoni, xehdet hekk:-

*Elisa Panzavecchia: Kien hemm mara baqghet hierga naqra iktar mill-ohrajn u lqattniha.*
*Prosekuzzjoni: Min kien qed isuq il-vettura?*
*Elisa Panzavecchia: Mel.*
*Prosekuzzjoni: U inti kont riekba fejn?*
*Elisa Panzavecchia: Hdejh. Fuq in-naha tal-passiggier ... ... ... Bqajna sejrin.*[1]

L-istess xhud fissret ukoll illi, effettivament, wara li sehh l-incident, l-imputat minflok waqqaf il-vettura, baqa' jsuq sa Birkirkara. Ix-xhud ikkonfermat illi l-vettura li kien qed isuq l-imputat kellha l-windscreen imkisser bhala rizultat tad-daqqa li biha ntlaqtet il-vittma, kif ukoll daqqiet fuq il-bonnet u fanal imkisser. Qalet ukoll illi l-imputat cempel lil Ryan Micallef u meta wasal hdejhom, li l-imputat u Ryan ftiehmu li jipparkjaw il-vettura x'imkien u jghidu lil missier l-imputat li l-vettura insterqet.

L-istess Ryan Micallef xehed quddiem l-espert mahtur fl-Inkjesta Magisterjali fis-26 ta' Gunju, 2011[2], illi marru xi hbieb jieklu flimkien, u li wara aktar tard hu u Mel Spiteri ltaqghu Birkirkara fejn kien hemm ukoll Elisa Panzavecchia. Ikkonferma li Mel Spiteri kellu karozza griza, Mitsubishi, u illi kien qal lil Victor Spiteri, missier l-imputat, illi lil Mel kienu serqulu l-karozza.

Il-perit mahtur fl-Inkjesta Magisterjali, Joseph Zammit, ikkonkluda hekk fir-rigward tal-vettura FTO-050 minnu ezaminata:-

*"Illi din il-karozza nstabet bi hsarat estensivi fuq il-partijiet frontali l-aktar lejn il-lemin taghha;*
*5. Illi dawn il-hsarat huma kompatibbli ma' laqta' vjolenti ma' xi persuna;*
*6. Illi l-esponent jeskludi li l-hsara fuqha setghet giet ikkagunata ma' habta ma' xi vettura ohra."*[3]

Dan kollu stabbilit, il-Qorti tqis illi gie ppruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi kien l-imputat Mel Spiteri li tajjar lil Elizabeth Wilhems bil-

[1] Xhieda 8 ta' Lulju 2011.
[2] Dok. VC, esebit fis-seduta 13 ta' Lulju 2011.
[3] Xhieda 2 ta' Novembru 2011, Dok. JZ.

vettura FTO-050 fil-lejl tas-26 ta' Gunju 2011 gewwa Bugibba. Dan mhuwiex kontestat u m'huwiex kontestat lanqas, u fi kwalsiasi kaz jirrizulta ampjament ippruvat, illi l-imsemmija vittma mietet bhala konsegwenza tal-impatt minn din il-vettura.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghall-ewwel imputazzjoni, l-imputat qed jigi addebitat ir-reat ta' omicidju involontarju taht l-Artikolu 225(1) tal-Kodici Kriminali:-

***225.*** *(1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).*

Ghalkemm kif stabbilit, Elizabeth Tucknutt Whilems mietet b'rizultat tal-impatt mal-vettura misjuqa mill-imputat, il-Qorti tqis li sabiex tigi ravvizata htija fl-imputat ghal dan ir-reat ta' omicidju involontarju, jehtieg illi tikkunsidra jekk l-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat li gie mixli bih, gewx kollha ippruvati sal-grad li tehtieg il-ligi fil-kamp kriminali. L-elementi kostituttivi ta' dan r-reat huma, essenzjalment, li s-soggett attiv tar-reat irid ikun (a) agixxa b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti; (b) ikkaguna l-mewt (c) ta' persuna.

Naturalment, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Galadarba jkun stabbilit li l-kondotta tal-imputat kien wiehed kolpuz li jammonta ghal *criminal misconduct*, jinkombi mbaghad fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova wkoll lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, in-ness kawzali bejn il-mewt tal-vittma u l-kondotta kolupza (*culpa*) tal-imputat, b'mod illi din it-traskuragni titqies li kienet il-kawza immedjata u prossima tal-event dannuz.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech**, dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

"*Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konkret, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret.*"

Kif inghad ukoll fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998:-

*"Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju".*

*Il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa, "... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."* [*Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88*]

*Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk:*

*"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".*

Ikkunsidrat;

Mit-testimonjanza tax-xiehda okulari jirrizulta illi l-vittma u zewgha kienu qed jaqsmu t-triq min-naha tal-bahar ghan-naha opposta fil-vicinanzi immedjati tal-Qawra Palace Hotel, u dan wara li l-ewwel hallew xi vetturi jghaddu. Huma kienu qed jaqsmu diversi metri ‘l boghod miz-zebra crossing, u hekk kif waslu fin-nofs tat-triq - bil-vittma pass iktar ‘il quddiem minn zewgha Maurice Whilems u grupp ta’ persuni ohrajn li wkoll kienu qed jaqsmu - sar l-impatt mal-vittma minn vettura. Din il-vettura, fi kliem l-istess Maurice Whilems, giet minn imkien f’hakka t’ghajn[4] tant illi huwa lanqas irrejalizza mal-ewwel li martu kienet sfat imtajra u hasibha lahqet qasmet it-triq. Hu xehed hekk:-

“*... there was* [*sic.*] *2 or 3 cars coming in from the Bugibba area. I let those pass and looked around and there was nothing coming so we started walking across the road. We had just passed the half land mark and then suddenly from nowhere there was a burst of headlights ...* ***… I didn’t even see the car.*** *It moved past me fast and when my wife was not stood there. I looked up the road and 30 40 metres up the road, she was lying on the ground*.” [enfasi tal-Qorti]

Mistoqsi meta kien effettivament ra l-dwal tal-vettura gejjin fid-direzzjoni tieghu, hu wiegeb:-

“*As we were on the half-way mark on the road because there was nothing when we started to cross*.”

Ix-xhud fisser ukoll illi meta rahom ghall-ewwel darba, id-dwal tal-vettura kienu jidhru madwar “*50 or 60 metres away when I first spotted them. When we crossed there was nothing, we could not see nothing* [*sic.*] *so whatever happened,* ***the car appeared from nowhere***.” [enfasi tal-Qorti]

Ix xhud qal li ma lahaqx raha l-vettura wara li martu ma rahiex iktar fit-triq, “***It just disappeared***”[5]. Insista wkoll enfatikament illi martu kienet diga` lahqet qabzet in-nofs tat-triq meta sar l-impatt: “*She was fully on that half of the road*”.[6]

[4] (folio 20)
[5] Enfasi tal-Qorti.

Dan il-fatt gie affermat mix-xhud Brian Joseph Mortimer li qal li l-impatt sehh "[*in*] *the centre of the road*". Elisa Panzavecchia, il-passiggiera fil-vettura misjuqa mill-imputat meta sehh l-incident in dizamina, ukoll qalet illi meta rat it-tieni grupp ta' persuni qed jaqsmu t-triq, dawn kienu "*ghadhom forsi waslu san-nofs tat-triq*".

Elisa Panzavecchia iddeskriviet l-incident hekk:

"*Konna ghaddejin u kien hemm zewg gruppi ta' nies qed jaqsmu u l-ewwel grupp lahaq ghadda u t-tieni grupp waqaf fin-nofs, u kien hemm mara baqghet hierga naqra iktar mill-ohrajn u lqattniha.*" (folio 59).

Dwar il-grupp ta' nies jaqsam, ix-xhud ikkonfermat illi dawn kienu qeghdin jaqsmu minn naha tal-bahar ghal faccata l-Qawra Palace. Tghid illi dawn rathom meta kienet nofs it-tul tal-Awla 7 u li **kienu waslu sa nofs it-triq**, izda ghalkemm waqfu fin-nofs, il-mara baqghet hierga. Ikkonfermat ukoll illi l-imputat ma waqqafx il-vettura izda baqa' sejjer, kif ukoll li l-karozza kienet misjuqa b'mod mghaggel.

L-imsemmi xhud Brian Mortimer ikkalkula li l-vettura li tajret lill-vittma kienet ghaddejja b'hamsin (50) mil fis-siegha meta laqtitha u f'dan il-mument, il-vittma kienet waslet f'nofs tat-triq[7]. Skont ix-xhud, "*It just flew past……at top speed.*"[8] Iddeskriva wkoll illi bl-impatt minn din il-vettura, li kienet gejja mil-lemin ghax-xellug tieghu, "*I see the lady getting somersaulted*". Qal ukoll illi minkejja dan, il-vettura ma waqfitx u baqghet sejra.

Ikkunsidrat;

---

[6] Ara komplessivament, fol. 13 sa 25 tal-atti.

[7] Fol. 78.
[8] Fol. 38.

Illi t-testimonjanza tax-xiehda okulari dwar is-sewqan tal-imputat, tinsab sorretta mill-konkluzjonijiet raggunti mill-esperti mahturin fl-Inkjesta Magisterjali.

Il-perit tekniku Vincent Ciliberti kkonkluda li "*… l-gisem tal-vittma nstab circa f'nofs it-triq, fil-kantuniera ta' Triq it-Turisti, distanza ta' tmienja u tletin metru (38m) 'il boghod minn fejn zewgha, is-Sur Maurice Wilhems iddikkjara li kienu qeghdin jaqsmu Triq il-Qawra."*[9]

Mir-rapportipprezentat konguntivament mill-esperti teknici Mario Buttigieg u Dr Martin Bajada, jirrizulta illi:-

"*… Mel Spiteri kien qieghed isuq b'velocita' approssimattiva ta' aktar minn mitt (100) kilometru fis-siegha.*"[10].

Mill-provi jirrizulta wkoll illi l-impatt bejn il-vettura u l-vittma tant kien wiehed qawwi li l-kadavru tal-vittma mhux biss kien instab tmienja u tletin (38) metru 'l boghod mill-post fejn sehh l-impatt, izda s-sahha tal-impatt ikkaguna wkoll *extrusion* tal-mohh, b'tessut tal-mohh fost hwejjeg u tessuti ohra appartenenti lill-vittma, jinstab mifrux matul diversi metri fl-istess triq lil hinn mill-kadavru.

Dan jinsab affermat ulterjorment mill-konkluzjonijiet raggunti mill-espert mediko-legali mahtur fl-Inkjesta Magisterjali, li kkonkluda:-

*"Illi jirrizulta li Elizabeth Wilhems kienet suggetta ghal impatt vjolenti tant illi garrbet fratturi tal-kranju u partijiet tal-mohh gew sparpaljati fit-triq u fuq karozza;*

*Illi parti mdaqqsa tal-mohh gie wkoll elevat mit-triq fuq il-locus;*

*Illi l-fratturi wkoll deskritti jindikaw is-severita' tal-impatt;*

---

[9] Dok. VC.
[10] Dok. MM/MB, ipprezentat 28 ta' Dicembru 2012, fol. 330.

*Illi jidher mid-debris illi l-kadavru ta' Elizabeth Wilhems spicca diversi metri 'l boghod mill-punt tal-impatt;*

*Illi l-lezjonijiet deskritti fuq l-estremitajiet inferjuri kienu rizultat ta' primary impact u dawn gew maghmulin meta l-bumper tan-naha tal-lemin tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FTO050 laqat lil Elizabeth Wilhems;*

*Illi ma' dan il-primary impact Wilhems intefghet fuq in-naha tal-lemin tal-bonett u habtet rasha mal-windscreen u mas-saqaf tan-naha tal-lemin tal-karozza u wkoll mal-pilastru tal-lemin li jzomm il-windscreen;*

*Illi l-istess secondary impact kien tant vjolenti li l-pilastru wkoll safa' mghattan;*

*Illi essenzjalment Elizabeth Wilhems mietet mal-impatt.*
*…*
*Illi l-kawza ta' mewt ta' Wilhems kienet relatata direttament mat-trawma vjolenti li giet suggetta ghaliha.*"

Konkluzjoni li waslet ghaliha wkoll l-espert patologista Prof. Marie Therese Camilleri fir-rapport taghha[11].

Ikkunsidrat;

Illi kkunsidrat dan kollu, il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju kwalsiasi li l-kawza prossima u unika tal-mewt ta' Elizabeth Tucknett Whilems kienet xejn hlief is-sewqan sfrenat tal-imputat, liema sewqan mhux biss kien bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku - inkluz dawk li jistipolaw il-velocita` massima li ghandha tigi osservata f'inhawi ta' bliet u rhula hija ta' 50 kilometru fis-siegha - izda kien ukoll wiehed manifestament perikoluz.

Fir-rigward, isib riskontru l-insenjament rapportat fis-sentenza gia` fuq citata, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech**:-

[11] "*The death of this elderly female is certified as being due to multiple injuries following a motor vehicle accident.*" (Dok MTC folio 278). Ara wkoll certifikat tal-mewt u l-kawza minnha rilaxxat a fol. 246.

*"Kif jispjega l-gurista Francesco Carfora (Digesto Italiano, Vol. 7 Parte 2, Colpa (materia penale), Diritto Vigente, p. 775), jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak illi hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti fili wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevvista, kieku kienet ukoll prevvista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pozittiva indiretta.*"

Gie ritenut ukoll illi:-

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat."*[12]

X'jikkostitwixxi imbaghad, perikolu fis-sewqan jew sewqan bla kont, huwa wkoll ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997[13], intqal hekk:-

*"Sewqan bla kont hu deskritt ... bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]*

In propositu, gie ritenut, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfonso Abela**:-

12 **Il-Pulizija vs. Michael Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Frar 2007.
13 Vol. LXXXI.iv.157.

"*… li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia XXXIX p. 1018.) "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye". (App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina, 20.4.1963)."*

Applikat l-insenjament fuq citat ghall-kaz in dizamina, il-Qorti, kif gia` nghad, tirravviza fis-sewqan tal-imputat l-estremitajiet ta' traskuragni li jsarrfu f'sewqan perikoluz. Huwa stabbilit mil-provi illi l-imputat kien qed isuq b'velocita` minima ta' 100 kilometru fis-siegha, liema velocita` hija lil hinn minn dik li hija permessa fi kwalunkwe zona f'Malta, *multo magis* fi triq li hija mizghuda bl-istabbilimenti tal-ikel, xorb u divertiment kif ukoll lukandi u residenzi. Fil-fehma tal-Qorti, l-imputat, ghad li ma jirrizulta li ppreveda l-event dannuz per se ghaliex kieku konna nsibu ruhna fil-kamp tad-*dolo*, ma setax, fic-cirkostanzi partikolari tal-ambjenti fejn kien qieghed isuq b'velocita` eccessiva bhal dik, ma jipprevedix il-konsegwenza ta' xi event dannuz bhal dak li effettivament sehh fil-kaz in dizamina. Kemm hu hekk, il-Qorti tqis li din il-konsegwenza kellha tkun altru minn prevedibbli ghal kull min isuq b'velocita` ta' circa mitt kilometru fis-siegha fi triq bhal dik li fiha giet imtajra l-vittma.

Ikkunsidrat;

Illi d-difiza ghamlet accenn fit-trattazzjoni, ghan-negligenza kontributorja da parti tal-vittma minhabba l-fatt illi l-konjugi Wilhems qasmu minn naha tal-bahar ghall-lukanda faccata, minghajr ma rrikorrew ghall-uzu ta' pedestrian crossing.

Ghalhekk, il-Qorti sejra tghaddi sabiex tezamina x'inhuma r-responsabbiltajiet rispettivi tal-*pedestrian* fit-triq u dawk tas-sewwieq.

Gie ritenut illi:-

"*Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f'*

*pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian .*"[14]

Izda huwa wkoll daqstant assodat in materja, illi sewwieq ta' vettura ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita *pedestrian* li jaqsam it-triq, anke jekk il-pedestrian jaqsam b'mod traskurat. Dan ifisser illi s-sewwieq ta' vettura ghandu jigi ritenut responsabbli kriminalment jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b'mod li jkun pogga ruhu f'pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. **Is-sewwieq jista' jkun ezentat mir-responsabbilita` penali biss fl-ipotesi fejn il-pedone b'xi att inaspettat jew xort'ohra b'xi ghemil tieghu ikun issorprenda lis-sewwieq b'mod li poggieh f'pozizzjoni li, anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega, dan ma setax assolutament jevita l-investiment**[15]. **F'kull kaz iehor, riskontrat element ta' negligenza kontributorja tal-pedestrian, dan l-element ma joperax biex jiskolpa lis-sewwieq mir-responsabbilita` kriminali, izda jista' jincidi biss fuq il-kalibrazzjoni tal-piena.**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Robert Brincat**[16], intqal hekk in propositu:-

"*Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu , jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti filkomportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u* ***ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza****. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikurezza." (App. Krim. Il-Pulizija vs. George Muscat*)" [enfasi ta' din il-Qorti]

In tema, l-Antolisei jikkummenta hekk[17]:-

---

[14] App.Krim. **Il-Pulizija vs. Alfred Caruana** [deciza 14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031.
[15] App. Krim. **Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud** [deciza 26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859.
[16] Deciza 22 ta' Novembru 2007.
[17] *Manuale di Diritto Penale: Parte Generale* (1989) Giuffre, pagna 332.

"*Nell' ipotesi che con la colpa del soggetto attivo del reato concorra la colpa della persona offesa, da alcuni si parla di compensazione delle colpe, nel senso che la colpa dell' uno verrebbe annullata dalla colpa dell' altro ... Cio non puo' ammetersi, perche il principio della compensazione delle colpe, se vale nell' ambito del diritto privato, .... non ha diritto di cittadinanza nel campo penale. Qui la punizione e' reclamata da un interesse pubblico, quindi, dell' eventuale colpa della vittima il guidice terra' conto solo entro i limiti dei suo poteri discrezionali per l' applicazione concreta della pena.*"

Issa, skont il-Highway Code, huwa dmir ta' kull pedestrian illi jevita mixi bla hsieb fil-karreggjati, kif ukoll mixi f'toroq arterjali. Dan ghaliex, kif stipolat, "*l-karreggjata qieghda l-ewwel u qabel kollox biex jghaddu minnha l-vetturi*"

Il-paragrafu 43 tal-istess Highway Code jidderigi lill-pedestrian sabiex:-

"*Fejn ikun hemm post ta' qsim ghal pedestrians (jew subway) jew f' distanza ta' madwar 50 metru ' l boghod minnek, taqsamx it-triq minn x' imkien iehor*"

Ikkunsidrat;

Applikat dan kollu ghall-fattispecje ta' dan il-kaz, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet u kunsiderazzjonijiet.

Kif inghad, huwa fatt maghruf illi l-akkwati ta' Triq il-Qawra, fil-Qawra, mhux biss hija zona turistika izda hija fost l-iktar zoni frekwentati fis-sajf minhabba l-prossimita` tax-xatt tal-bahar u n-numru ta' lukandi u stabbilimenti tal-ikel, xorb u divertiment li jinsabu f'din it-triq u fl-akkwati. Huwa fatt maghruf ukoll illi fis-sajf, il-promenade li tinsab max-xatt tal-bahar tkun mizghuda bin-nies f'kull hin tal-gurnata inkluz bil-lejl.

Huwa minnu wkoll illi l-post minn fejn il-vittma u zewgha ghazlu li jaqsmu t-triq, xejn ma kien indikat u ghaqli. Mill-provi jirrizulta li kien hemm *zebra*

*crossing* sebgha u sebghin (77) metru 'l boghod[18] mill-post fejn il-vittma qasmet it-triq u ghaldaqstant, ma kien hemm xejn li zzommha milli timxi ftit passi ohra 'l fuq biex taqsam it-triq minn fuq l-istess *zebra crossing.* Izda fil-fehma tal-Qorti, dan il-fatt ma jnaqqas assolutament xejn mill-fatt illi huwa ppruvat illi l-imputat kien qed isuq, f'zona turistika li evidentement, fil-hin in dizamina, kienet ghadha attiva bin-nies, b'velocita` kundannabbli u b'non kuranza assoluta ghal min seta' jigi biex jaqsam t-triq. Ma jnaqqas xejn lanqas mill-fatt illi huwa skarta bl-iktar mod assolut anke l-obbligu bazilari li jzomm *a careful and proper lookout* tat-triq quddiemu u ta' dak li kien qed jigri madwaru.

Dan l-obbligu gie definit hekk fil-gurisprudenza lokali, fosthom fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfonso Abela**:-

"*Hu dover ta' "driver to see what is in plain view". (App. Krim. "Il-Pul. vs. Joseph Vella" – [10.8.1963]) u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. J.M. Laferla , [17.6.1961] ).*"

F'din is-sentenza appena msemmija, il-Qorti citat ukoll mis-sentenza **NEWHAUS N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd** (1968):-

"*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well.*"

Kif gia` nghad, sabiex is-sewwieq ikun ezentat minn kull htija ghall-investiment ta' pedone, irid ikun hemm prova cara ta' emergenza subitanea li tkun inholqot mill-istess pedestrian, emergenza li tpoggi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi l-event dannuz u lanqas jista' jipprevjenieh. Huwa minnu li fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti, huwa indubitat illi l-vittma naqqset billi ma qasmitx it-triq skont kif dettat mill-Highway Code u kwindi sa certu mizura, poggiet

[18] Ara xhieda ta' P.S. 914 Ivan Mifsud, 2 ta' Novrmbru 2011.

ruhha f'sitwazzjoni ta' riskju galadarba kienet qed taqsam triq li hija notorjament traffikuza, li titqies bhala 'a main thoroughfare'. Izda, kif gie stabbilit mill-provi, il-vittma u zewgha kienu diga` qasmu nofs it-triq meta sehh l-impatt, u kienu bdew jaqsmu t-triq wara li raw li ma kienx hemm iktar vetturi gejjin. Ghalhekk zgur li dan m'huwiex kaz fejn il-vittma holqot xi emergenza subitanea billi fegget b'mod inaspettat quddiem il-vettura tal-imputat b'mod li ssorprendietu u konsegwentement ma setax jiehu xi azzjoni evaziva. **Ghall-kuntrarju, il-provi juru mhux biss illi l-vettura tal-imputat fegget hesrem minhabba l-velocita` esagerata li kienet ghaddeja biha fit-triq in dizamina, izda wkoll illi l-imputat naqas b'mod assolut milli jaghmel xi manuvra sija biex jevita l-impatt u sija wkoll biex jimminizza, anke sussegwentement, l-effett tal-impatt innifsu, tant kien inkonsult u perikoluz is-sewqan tieghu u tant kien, evidentement, intiz li jsuq b'velocita` sfrenata**.

Barra minn hekk, ma jistax ma jigix osservat ukoll illi peress li t-triq in kwistjoni hija wahda dritta b'vizwali pjuttost fit-tul, huwa indiskuss illi l-imputat kellu vizwali tajba tat-triq quddiemu u ghalhekk il-vittma messha kienet ben vizibbli lilu minn diversi metri 'l boghod. Ghalkemm kien bil-lejl, it-triq kienet evidentement imdawla. Madanakollu, is-sewqan inkonsult tal-imputat ipprekludih milli josserva lill-vittma tempestivament u jaghmel xi manuvra evaziva.

Ghaldaqstant, l-imputat ma jistax jigi skolpat mir-responsabbilta` kriminali ghaliex ghalkemm kien hemm element ta' negligenza kontributorja, dan mhux talli ma huwiex ta' xi qies li jista' jiskolpa lill-imputat mir-responsabbilita` kriminali, talli huwa stabbilit l-uniku kawza tal-emergenza li nholqot u ghalhekk ukoll tas-sinistru, kienet proprju il-kondotta kolpuza tal-imputat. F'dan l-agir tigi ravvizata proprju l-*culpa* prospettata mil-legislatur fir-reat taht l-Artikolu 225 tal-Kap. 9. Kemm hu hekk, il-Qorti diga` rravvizat fis-sewqan tal-imputat dak il-grad gravi ta' sewqan hazin li jikkostitwixxi sewqan perikoluz.

Il-Qorti zzid tosserva illi l-velocita` li kien ghaddej biha l-imputat qabel l-impatt kif ukoll wara l-impatt (galadarba jirrizulta li hu baqa' jsuq bl-istess velocita` u ma waqafx) tirrendi wkoll ftit jew wisq immaterjali jekk il-vittma kienet jew ma kienetx qieghda taqsam fuq iz-*zebra crossing* ftit metri 'l boghod mill-punt tal-impatt.

In konkluzjoni, hu ovvju li fil-kaz in dizamina, indipendentement min-nuqqas ta' prudenza o meno tal-vittma, l-imputat ghazel mhux biss li jabdika ghal kollox mill-kawtela u l-prudenza li kienu inkombenti fuqu bhala sewwieq ta' vettura fi triq principali, izda ghazel ukoll li jaghlaq ghajnejh ghall-perikolu li kienet inevitabbli, anzicche` prevedibbli, b'sewqan b'velocita` ta' mill-inqas 100 kilometru fis-siegha.

**Ghadaqstant, minn dan kollu, il-Qorti tirravviza htija fl-imputat ghar-reat taht l-Artikolu 225 tal-Kap. 9, ghar-reat taht l-Artikolu 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 kif addebitat lilu fir-raba' imputazzjoni, kif ukoll ghall-ksur tar-regolamenti 127 u 67 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 (Avviz Legali 128 tal-1994) kif addebitati fit-sitt u t-tmien imputazzjonijiet rispettivament**[19].

Madanakollu, kwantu ghall-piena ghar-reati fuq imsemmija, din ghandha tkun assorbita fil-piena ghar-reat l-iktar gravi taht l-Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9, u dan bl-applikazzjoni tal-principju tal-konkorrenza formali tar-reati galadarba l-istess att kriminuz jikser diversi dispozizzjonijiet tal-ligi.

Fl-istess waqt, il-Qorti tosserva wkoll li ma ngiebet l-ebda prova kwalsiasi li turi li l-imputat, waqt li kien qed isuq il-vettura FTO-050, naqas milli jimxi bil-mod

[19] **67.** *(1) F'kull każ, fejn minħabba vettura bil-mutur fi triq, jiġri xi inċident li jkun jinvolvi offiża fuq persuna oħra jew tiġi kaġunata ħsara lil xi vettura, annimal jew proprjetà oħra, id-driver tal-vettura bil-mutur għandu jieqaf u, jekk ikun meħtieġ li jagħmel dan minn uffiċjal tal-Pulizija, uffiċjal tal-komunità jew minn persuna, li jkollha raġuni biżżejjed li titlob li jsir hekk, jagħti l-isem u l-indirizz tiegħu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-dettalji tal-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura.* Imbaghad, skont ir-regolament **127(1)**, ebda vettura bil-mutur ma għandha teċċedi l-limitu ta' veloċità li, kwantu ghal private car li tinstaq fl-ibliet u l-irhula, hija dik ta' 50 kilometru fis-siegha.

jew jieqaf **ghaliex kien riesaq lejn passagg ghall-uzu ta' nies bil-pass, liema passagg kien immarkat b'linji bojod paralleli jew bi studs matul il-wisa' taghha**. Mir-ritratti formanti parti mir-rapport ta' PS 1147 Antoine Fenech (Dok. AF), ma jirrizultax illi kien hemm dan il-passagg immarkat fil-parti tat-triq fejn giet investita l-vittma. Iz-*zebra crossing* li jidher fir-ritratt f'pagna 11 tar-rapport, huwa ferm iktar imbieghed mill-punt tal-impatt u ghaldaqstant, **il-Qorti ma tqisx li tista' ssib htija fl-imputat ghall-ksur tar-regolament 89 tal-Avviz Legali 128 tal-1994, kif addebitat fis-sitt imputazzjoni**.

Ikkunsidrat;

**Kwantu ghat-tielet imputazzjoni li l-imputat, meta kkaguna l-mewt ta' Elizabeth Tucknutt Whilems, saq il-vettura Mitsubishi FTO-050 minghajr licenzja tas-sewqan[20], il-Qorti tosserva illi l-htija tal-imputat ghal dan ir-reat tinsab ampjament ippruvata bix-xhieda ta' Brian Farrugia[21] li xehed illi l-imputat ma kellu ebda tip ta' licenzja tas-sewqan.**

Ikkunsidrat;

Kwantu ghar-reat taht l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Appell Kriminali, f'sentenza moghtija fl-4 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Apap**, qalet hekk:-

"*Ghar-rigward ta'l-imputazzjoni dwar sewqan mill-imputat meta ma kienx kopert b'polza ta'l-assikurazzjoni kontra riskji ta' terzi persuni, il-prova li l-imputat kien hekk kopert b'tali polza kienet tispetta lill-imputat ghat-tenur tal-artikolu 3(1A). Din il-Qorti ma taqbilx mad-distinsjonijiet li saru ... fis-sentenzi ... Pulizija vs Charles Galea u ohrajn dwar meta tiskatta l-prezunzjoni fis-subartikolu 3(1A) talKapitolu 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 huwa car u inekwivoku fil-portata tieghu: il-prezunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta ... min jigi akkuzat b'reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4) tal-Kapitolu 104.*

[20] Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65.
[21] Ara xhieda tal-24 ta' Awwissu 2011 u Dok. BF, fol. 118.

*Din id-dispozizzjoni ma thalli lok ghall-ebda interpretazzjoni. Qatt ma kien hemm xi htiega li jsir xi sforzi biex id-dispozizzjoni tal-artikolu 3(1A) tigi rikonciljata permezz ta' process ta' interpretazzjoni mad-dispozizzjoni tal-artikolu 10(1) ta'l-istess Kapitolu 104 ghaliex iz-zewg dispozizzjonijiet jirregolaw sitwazzjonijiet differenti. L-artikolu 3(1A) jirregola x'jigri f'proceduri kriminali ghal reat taht l-artikolu 3(1) mentri l-artikolu 10(1) ta'l-istess Kapitolu jirregola r-rizarciment mill-assikurazzjoni ghal xi responsabbilta ghal dejn civili li ghandha tkun koperta minn polza ta' assikurazzjoni. B'dak kollu li hemm fl-artikolu 10(1) tal-Kapitolu 104 il-pozizzjoni li hemm fl-artikolu 3(1A) tibqa mhuz mittiefsa u cioe li fil-proceduri kriminali ghal reat taht l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 kemm il-darba l-imputat ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4) jigi prezunt li ma kienx hemm polza ta' assigurazzjoni fissehh skond kif mehtieg f'l-artikolu 3(1) imsemmi.*

Illi din il-Qorti tqis li ghandha tissenjala li dak li jivvjeta l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104, m;huwiex sewqan ta' vettura li ma tkunx koperta b'polza ta' assikurazzjoni, imma sewqan ta' vettura minn persuna kemm il-darba **ghall-uzu minn dik il-persuna** ma jkunx hemm fis-sehh polza ta' assikurazzjoni.

Mill-provi jirrizulta illi fid-data tal-incident in dizamina, il-vettura FTO-050 kienet effettivament koperta minn polza tal-assigurazzjoni: kemm hu hekk, l-eredi tal-vittma gew rizarciti ghad-danni civili minn GasanMamo Insurance Limited proprju bis-sahha tac-certifikat mahruga minnha f'isem Victor Spiteri ghall-assigurazzjoni tal-vettura Mitsubishi FTO-0505 fil-perijodu bejn il-31 ta' Mejju 2010 u t-30 ta' Gunju 2011[22]. Madanakollu, dan ic-certifikat tal-assigurazzjoni jaghmilha car illi s-sewwieqa awtorizzati li jsuqu din il-vettura kienu biss l-istess Victor Spiteri u Nathalie Spiteri, u hadd iktar.

Illi l-imputat ma ressaq l-ebda prova li jikkontradixxi l-prova akkwizita permezz ta' dan ic-certifikat ta' assigurazzjoni u min-naha taghha, kif rajna, il-Prosekuzzjoni gabet prova li l-imputat ma kellux ebda licenzja ta' sewqan. Galadarba huwa stabbilit mill-provi illi l-imputat fil-gurnata tal-incident, 26 ta' Gunju 2011, ma kellux licenzja ghas-sewqan, il-Qorti hija tal-fehma li anke jekk

[22] Ara fol. 436 *et seq*.

mill-provi jirrizulta li fis-26 ta' Gunju 2011 kien hemm polza tal-assigurazzjoni valida u fis-sehh dwar il-vettura FTO-050, huwa daqstant ippruvat ukoll illi li dak in-nhar tal-incident, din il-polza ma kienetx tkopri lill-imputat Mel Spiteri.

**Ghaldaqsant, l-imputat huwa hati wkoll tar-reat taht l-Artikolu 3(1) u 3(2) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Ikkunsidrat;

L-imputat, fit-tieni imputazzjoni, gie mixli wkoll bid-delitt ta' simulazzjoni ta' reat, hekk kif ipprospettat fl-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jaqra hekk:-

*"Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq joħloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena.*"

Jirrizulta espressament mill-Ligi li s-simulazzjoni prevista minn dan l-Artikolu tal-ligi, tista' tiehu zewg forom u cioe` dik verbali jew diretta u dik reali jew indiretta. Fil-kaz in dizamina, il-Prosekuzzjoni qieghda evidentement taddebita lill-imputat ir-reat ta' simulazzjoni formali / indiretta.

F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Mizzi**[23] gie deciz:-

"*Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indirecta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.*"

[23] 16 ta' Frar 1998.

Mill-provi jirrizulta illi sussegwentement ghall-incident, l-imputat u siehbu Ryan Micallef ftiehmu li jipparkjaw il-vettura FTO-050 x'imkien l-Iklin u jghidu lil missier l-imputat li l-vettura insterqet. Dan bil-hsieb evidenti li b'hekk, l-imputat ma jigix identifikat bhala s-sewwieq tal-vettura fil-hin li din investiet lil Elizabeth Tucknutt Whilems. Jirrizulta wkoll li l-imputat, sabiex iwettaq dan il-hsieb, holoq tracci ta' reat ta' serq billi kisser il-hgiega tal-bieba tax-xufier tal-vettura FTO-050 halli l-vettura tidher li giet misruqa.

Ryan Micallef xehed hekk quddiem l-espert mahtur fl-inkjesta:-

*"**Mel qalli li l-karozza kien halliha fit-triq li twassal ghal Vibes, u qalli li nesa l-mobile fil-karozza, u Mel u jiena ergajna morna lejn il-karozza** u l-karozza Mel halliha fil-parti l-iktar wiesa' tat-triq li twassal ghal Vibes.*
*...*
*Mel baghtli sms u qalli biex immur nghid lil missieru li serqulu l-karozza, u jien mort nghid lil missieru Mel, Victor, li Mel kien qalli li serquli l-karozza. Missier Mel u jiena morna l-pjazza ta' Bugibba , u sibna lil Mel jibki, u naf li missieru qallu "Issa nkellmek id-dar" ghax Mel qallu "serquhieli".*
*...*
***Qieghed nigi misqosi jekk meta dhalt fil-garage fid-dar ta' Mel, jekk il-karozza kellhiex il-hgieg tan-naha tal-passiggier jew tax-xufier, imkissra, nghid li ma kienux imkissra.***

***Mistoqsi jekk meta morna Mel u jien ghall-mobile fil-karozza, il-hgieg tal-passiggier jew tax-xufier kienux imkissra, nghid li kienet imkissra l-hgiega tan-naha tax-xufier**."*[24] [enfasi tal-Qorti]

Illi biex jissusistu z-zewg forom tar-reat prospettat taht l-Artikolu 110(2), fosthom ghalhekk is-simulazzjoni addebitata lill-imputat f'din il-kawza, jehtieg li jikkonkorru numru ta' fatturi li huma elenkati hekk mill-Antolisei[25]:-

(1)*"La simulazione deve avere per oggetto un reato vero e proprio (delitto o contravenzione)."* F'dan il-kaz l-imputat evidentement ried johloq tracci ta' reat ta' serq.

[24] Dok. VC.
[25] Manuale di Diritto Privato Parte Speciale II pp. 765 -766 (quinta edizione, 1966), kif rapportat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marco Risiott,** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu 2011.

(2) *"Il reato non deve essere avvenuto: deve, in altri termini, trattarsi di un reato immaginario."* Huwa indiskuss f'dan il-kaz illi l-vettura FTO-050 ma nsterqitx izda kienet qed tigi misjuqa mill-imputat bil-konoxxenza ta' missieru[26], fil-hin meta giet imtajra Elizabeth Tucknutt Whilems.

(3) *"La denuncia, diretta o indiretta, deve essere tale da poter determinare l'inizio di un procedimento penale…. Si tenga ben presente in proposito che non e` necessario che il procedimento penale abbia avuto inizio: la legge richiede soltanto la possibilita` di tale procedimento."*

Il-ligi taghna wkoll tghid li t-tracci jridu jkunu "*b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar*". Dan ifisser li lanqas ma huwa necessarju li tali proceduri jinbdew. L-awtur Antolisei jghid ukoll hekk in propositu:-

"*… la Cassazione ha... asserito che basta all'integrazione dell'illecito la semplice possibilita` di investigazioni preliminari (Cass. 26 novembre 1963, in Mass. Pen. 1964, m. 699). Ha pure ritenuto che non occorre che la denunzia sia formalmente valida, bastando una qualsiasi narrazione, purche` fatta in modo da rendere non del tutto inverosimile il reato."*

(4) *"L'ultima condizione e` negativa. Non deve trattarsi di incolpazione personale, vale a dire, il fatto non deve essere attribuito a un determinato individuo, perche` altrimenti si avrebbe il delitto piu` grave di calunnia."* Dan l-element huwa sodisfatt ukoll peress illi l-imputat ma nkolpa lil hadd partikolari ghas-serqa li gie rapportat lil missieru.

Dan kollu jfisser illi l-elementi kollha tar-reat tas-simulazzjoni formali jew indiretta, jinsabu sodisfatti ghaliex huwa ppruvat illi l-imputat, meta kisser il-hgiega tal-vettura u rrapporta lil missieru li l-vettura in kwistjoni kienet insterqitlu, b'qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali.

**Ghadaqstant din il-Qorti, tqis illi huwa wkoll hati ai termini tal-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Ikkunsidrat;

[26] Vide xhieda ta' Elisa Panzavecchia.

Dwar il-piena, il-Qorti tibda biex tosserva illi taqbel li s-sentenza ta' prigunerija ma ghandhiex titqies li hija mizura opportuna jew indikata fil-kaz ta' offizi involontarji f'incidenti tat-traffiku fejn ikun gie ravvizat biss ksur tar-regolamenti tat-traffiku jew fejn is-sewqan impunjat ikun wiehed traskurat. F'dawn il-kazijiet, diversament minn sewqan perikoluz jew bla kont u fejn is-sewqan impunjat ma jhallix konsegwenzi gravi fuq il-vittma, piena pekunjarja tkun iktar idonea.

Izda fejn jikkonkorru l-estremi tas-sewqan bla kont u sewqan perikoluz u fejn il-konsegwenza fuq il-vittma tkun il-mewt, bhalma jikkonkorru manifestament f'dan il-kaz odjern, il-Qorti thoss li l-piena karcerarja ma tistax titqies b'mod generali bhala wahda mhux idoneja ghaliex kull kaz ghandu jigi aggudikat fuq il-mertu proprju tieghu.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef**, deciza fl-1 ta' Marzu, 2012, ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar il-kriterji li jridu jigu meqjusa mill-gudikant meta jigi biex jeroga l-piena:-

"*Din il-Qorti tirrileva illi fil-waqt li piena errogata hija fil-parametri tal-Ligi, il-Qorti m'hijiex avversa ghat-talba ta' l-appellant illi din il-piena tigi b'xi mod varjata. Din il-Qorti hadet inkonsiderazzjoni l-eta' tenera ta' l-appellant fil-gurnata ta' l-incident. Incident sfortunat, fejn veru tilef hajtu Clifford Micallef kawza ta' sewqan esagerat ta' l-appellant, liema sewqan huwa aktar attibwit lejn l-inesperjenza taz-zghozija milli ghal xi tendenza tal-kriminalita` ta' l-appellant.*

*L-appellant ghandu fedina penali nadifa u jidher li din hija l-ewwel darba li kiser difru mal-Ligi, mhux il-kaz li jintbaghat il-habs sabiex jirriforma ruhu. Ma jidhirx li hemm xi haga x'jigi riformat u ma hemmx dubju illi l-konsegwenzi tas-sewqan tieghu ser ikunu rimors ghalih li jrid jibqa' jghix bih tul hajtu kollha. Din hija piena fiha nnifisha u l-ebda perjodu l-habs ma jista jikkancella dan il-fatt. F'kazijiet ta' omicidju involontarju l-Qrati taghna kienu dejjem lesti jikkundanaw l-azzjoni imma meta tigi sabiex tikkundanna l-persuna, dejjem raw ic-cirkostanzi partikolari ta' dak li jkun u kemm il-persuna kienet propensa lejn il-kriminalita jew ma kinetx."*

Il-Qorti taqbel illi l-piena li ghandha tigi erogata trid tiehu kont tac-cirkostanzi kollha li jsawru l-kaz, jigifieri dawk tal-hati, dawk tal-vittmi, kif ukoll l-interessi tas-socjeta` li tesigi li l-hati jaghmel tajjeb ghal dawk l-azzjonijiet lezivi tal-ligi kriminali kommessi minnu. Dan ghaliex dawn l-azzjonijiet ikunu mmininaw is-serenita` generali tas-socjeta`. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-piena ghandha wkoll tigi kalibrata skont il-grad tal-*culpa* riskontrata fl-agir kriminuz tal-imputat, liema grad, f'dan il-kaz, skont kif inhuwa ben evidenti mill-provi, tirrazenta l-estremi tal-kolpa ghaliex is-sewqan tal-imputat ma kien xejn inqas minn *reckless*. Tqis ulterjorment illi l-kondotta tal-imputat f'dan il-kaz hija wkoll pjuttost deplorabbli anke ghaliex baqa' sejjer minghajr ma waqaf wara li laqat lill-vittma, u baqa' wkoll ma weriex rimors konkret ghal eghmilu. Jirrizulta wkoll illi l-imputat lanqas wera soghba mal-familja tal-vittma, liema gest kien importanti ghalihom biex jistghu jaghlqu dan il-kapitolu tragiku f'hajjithom li tant wegghethom[27]. Ghall-Qorti, ir-registrazzjoni darbtejn ta' verbal fis-sens li l-imputat jiddispjacih ghall-akkadut ma jistax jissostitwixxi l-apolgija personali li kienet dovuta lill-familjari tal-vittma u li l-imputat kellu kull opportunita` li jaghmel.

Fl-assjem ta' dawn il-fatturi kollha, il-Qorti hija tal-fehma illi, ghad il-kondotta tieghu kienet ta' natura involontarja, in-non kuranza totali li mmanifesta l-imputat ghall-perikolu manifest li holoq ghall-utenti kollha tat-triq liema perikolu ttellfet il-hajja ta' mara u omm b'mod tant makabru, ma jimmeritax piena pekunjarja. Madanakollu, fl-istess waqt, thoss li ghandha tqis ukoll li dan l-incident, ghad wiehed tragiku, kien ukoll wiehed izolat u sfortunat, kagun tal-blugha taz-zghozija, u m'huwiex xi kaz fejn l-incident sehh meta l-imputat kien jinsab taht l-influwenza tax-xorb jew sustanzi illegali. Jirrizulta wkoll mir-rapport imhejji mil-ufficjal tal-Probation illi l-imputat m'huwiex moghti ghall-

[27] Dan jirrizulta mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation (Dok. CB1) ipprezentat quddiem din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Lulju 2020.

kriminalita` u ghandu hajja strutturata u stabbli tant li ma regghex, tul dawn is-sitt snin mill-akkadut, kiser difrejh mal-ligi.

"*Madankollu, ghandu jigi nnutat illi Mel Spiteri dejjem attenda ghall-appuntamenti li nghatawlu gewwa l-Ufficju tad-Dipartiment tal-Probation u Parole u dejjem wera koperazzjoni mal-istess ufficjal. ...Fil-prezent jidher illi l-imputat qed jghix hajja strutturata fejn qieghed jahdem f'impjieg stabbli u qieghed f'relazzjoni stabbli mas-siehba tieghu u qieghed jipprova jahdem fuq certi ghanijiet li ghandu ghall-futur.*"[28]

Fir-rigward, issir referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antoine Cassar**, deciza fit-22 ta' Settembru 2009, fejn intqal hekk in propositu:-

"*Din il-Qorti taqbel mal-hati illi m'hemm xejn x'juri illi hu xi minaccja ghas-socjeta`, l-anqas li hemm bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu jew li hu xi persuna ta' kondotta vjolenti. Il-kondotta tieghu fil-fatt hi wahda netta. Mill-banda l-ohra, fl-istess sentenza ccitata mill-hati, cioe` Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef, intqal ukoll li wiehed mill-iskopijiet tal-piena hu li fil-kaz ta' reati gravi "is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali." Fil-fatt il-messagg li jrid jintbaghat f'kazijiet bhal dak in ezami hu li l-hajja mhijiex irhisa u li t-tehid ta' hajja anke involontarjament ghandu jitqies bhala xi haga serja u gravi.*

Il-Qorti hadet qies ukoll tal-element ta' negligenza kontributorja, ghad nhux wiehed gravi, li rravvizat fil-vittma u temmen li biex issir gustizzja f'dan il-kaz, ma jidhrilhiex illi ghandha tmur ghall-estremi tal-Ligi u tapplika l-piena ta' prigunerija effettiva, izda hija tal-fehma li ghandha teroga piena ta' prigunerja ghal terminu li ghandu jigi sospiz, u dan sabiex tinstawra fl-imputat l-gharfien illi eghmilu kien wiehed kriminuz u b'hekk jahsibha sew qabel jikkommetti reat iehor u fl-istess waqt, ma tigix sfrattata l-mixja stabbli tal-imputat fit-triq it-tajba.

Wara kollox, kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Kevin Ellul**, deciza fis-6 ta' Frar 2013 mill-Qorti tal-Appell Kriminali:-

[28] Dok. CB1.

*Issa bhalma qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Maurice Agius*** *moghtija fit-13 ta' Novembru 2009,* ***"is-sentenza ta' prigunerija sospiza mhix, kif jahsbu xi whud, a let off jew semplicement a slap on the hand. Min ikun gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija sospiza jrid ikun, matul il-perijodu operattiv taghha, kif jghid il-Malti, 'imqarar u mqarben', ghax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat iehor li ghalih hemm stabbilita piena ta' prigunerija, meta jinstab hati ta' dak ir-reat l-iehor tigi attivata l-piena ta' prigunerija li tkun giet hekk sospiza, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha."*** *Il-ligi ma teskludix il-possibilita` li tinghata sentenza sospiza ta' prigunerija anke fejn ikun gie kommess reat involontarju, u lanqas fejn si tratta ta' first time offender. F'dan il-kaz, jinghad ukoll illi l-fedina penali ta' l-appellant/l-appellat kienet u ghadha sallum wahda netta."* [enfasi tal-Qorti]

**<u>DECIDE</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt illi ma ssibx lill-imputat MEL SPITERI hati tal-hames imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-Artikoli 17, 110(2) u 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(1), 3(1A), 3(2), 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 67(1) u 127(1) tal-Avviz Legali 124 tal-1994 (L.S. 65.11), issib lil MEL SPITERI hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet u tikkundannah erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna illi din is-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' tliet (3) snin mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**Ghall-finijiet tal-Artikolu 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(1), 3(1A), 3(2), 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil MEL SPITERI wkoll ghall-hlas ta' multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500), pagabbli fi zmien tliet xhur.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti b'zieda mal-piena, tikkundanna lill-hati jhallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' sitt elef mitejn u tlieta u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€ 6,253.23)[29] u dan fi zmien sentejn mil-lum.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(2) u 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-hati jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mil-lum.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

[29] Vincent Ciliberti Eur 1170.56 (envelop f'fol 106); PS 198 Arthur Debattista Eur149.50 (fol 201); PS 1253 Frederick Brincat Eur 114.17 (fol 224); PS 6 Duncan Demicoli Eur 48.92 (fol 238); Dr Marisa Cassar Eur 1569.34 (fol. 299); Mario Buttigieg Eur 761.02 u Dr Martin Bajada Eur 116.82 (fol. 332 tergo); PS 1147 Antoine Fenech Eur 287.36 (Dok AF); Dr Mario Scerri Eur 577.56 (Dok MS); Joseph Zammit Eur 300.90 (Dok JZ); Dr Steven Farrugia Sacco Eur 1157.08 (Dok SFS).